MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2015

Numru. 64/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Malcolm Bondin]**

**vs**

**Gianluca Torres**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gianluca Torres detentur tal-karta tal-identita` numru 18571(A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Marzu 2015 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtoizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;
2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;
3. U aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Marzu 2015 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

4. Kellu fil-pussess teighu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provi kollha;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi  cioe` GN 292/1939 taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Gainluca Torres** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghal zmien tliet (3) snin u multa ta' sebat elef Ewro (€7,000).

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------